**Rikors tar-Reverendu Kanonku Dun David Cilia**
**Arċipriet tal-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu**
**Il-Belt Valletta**

Lill-Eċċellenza Tiegħu
Monsinjur Charles Jude Scicluna
Arċisqof Metropolita ta' Malta

129/2025

Eċċellenza,

Ir-rikorrent jesponi bir-rispett:

li l-fond 263 Triq San Pawl Valletta, sede tal-Uffiċċju Parrokkjali u tal-Mużew Parrokkjali magħruf bħala Domus Pauli għandu kantina vasta li bħalissa hija inutilizzata;

li b'mod kumplimentari mal-proġett tar-restawr u ġestjoni tal-Mużew, ir-rikorrent jixtieq jiffruttifika dan l-ispazju għall-ġid ekonomiku tal-parroċċa u biex jintlaħaq ukoll għan ta' sostenibilita' għat-tmexxija taċ-Ċentru Parrokkjali Santu Rokku;

li l-Kumitat Ekonomiku Parrokkjali u l-Kapitlu qablu mal-kunċett bil-patt u l-kundizzjoni li l-qligħ jinqasam 50-50 u mhux b'rata ġornaliera; (Dok A)

l-idea tal-proġett hi li s-Sur Maurizio Lapira jiżviluppa l-kunċett tal-proġett, iġib il-permessi meħtieġa a spejjeż tiegħu u jsib ukoll investitur u negozjant li jmexxi l-pizzeria b'rata ġornaliera li tinqasam 50-50 bejnu u bejn il-Parroċċa;

Id-dħul għall-pizzeria isir minn bieb separat nru 261 li jinżel dirett fil-kantina li se ssir pizzeria (ara dok ~~A~~ B pjanti u proġett propost);

B'dan l-arranġament, il-parroċċa ma tidħolx fix-xogħol u spejjeż biex jiġi żviluppat il-proġett u jinstab minn imexxih u jħallas il-kera u fl-istess waqt is-Sur Maurizio Lapira li jmexxi ċ-Ċentru Parrokkjali jkollu dħul sostenibbli u l-impjieg temporanju tiegħu mal-parroċċa jista' jieqaf;

Għalhekk, ir-rikorrent jitolbok:

- tapprova dan il-proġett u tawtorizza li tingħata konċessjoni ta' 20 sena lis-Sur Maurizio Lapira biex isib kirja għall-finijiet kummerċjali;
- Il-ftehim mal-investitur/operatur ikun approvat mill-KEP u mill-awtorita' djoċesan;
- tipproponi xi kundizzjonjiet li jidhrulek xierqa.

[signature]
Kan David Cilia
Arċipriet
12/4/2025

Preżentat fil-Kurja Arċiveskovili
Illum 14 t'April 2025
Charles Buggeja, Kanċillier

Awla Kapitulari
Knisja Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu, Valletta

12 ta' April 2025,

**Estratt mill-Minuti tal-Laqgħa tal-Kapitlu li saret nhar it-30 ta' Diċembru 2024, fl-Awla Kapitulari tal-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu, Valletta**:

Matul il-laqgħa, il-Kan. Arċipriet David Cilia, ressaq quddiem il-membri tal-Kapitlu, għall-approvazzjoni, il-proposta li l-kantina tad-*Domus Pauli*, li għandha aċċess indipendenti mill-aċċess prinċipali tad-*Domus* (263 Triq San Pawl, Valletta), u li jġib in-numru 261 fi Triq San Pawl fil-Belt, tiġi żviluppata u ssir *pizzeria*. L-Arċipriet qal li s-sur Maurizio Lapira, li huwa dak li ħareġ b'din l-idea, huwa lest li jsib investitur li jikkopera miegħu fil-finanzjament u l-*management* tal-proġett. Is-sur Lapira, li qed jitlob li jkun hu li jmexxi l-implimentazzjoni, mir-rikavat, ikun jista' jmantni lilu nnifsu u ma jibqax impjegat tal-parroċċa kif inhu fil-preżent. Fl-istess waqt, dan id-dħul ikun jippermettilu jibqa' jaħdem pastoralment fiċ-Ċentru Santu Rokku fl-istess parroċċa.

Il-Kapitlu approva din il-proposta u talab li r-rikavat mill-proġett ikun maqsum 50% bejn iż-żewġ partijiet, jiġifieri bejn is-sur Lapira u l-investitur, u l-Kapitlu. Il-membri tal-Kapitlu talbu li huma japprovaw l-investitur li s-sur Lapira jipproponi biex miegħu jitwettaq il-proġett u wkoll li qabel ma jiġi ffirmat ftehim finali, dan jiġi sottomess lill-Kapitlu għall-approvazzjoni.

Kan. David Torpiano
Kanċillier tal-Kapitlu

Doc A

Fil-laqgħa tal-Kunsill Ekonomiku Parrokkjali li saret nhar il-Erbgħa, 9 ta' April, 2025 fid-Domus Pauli fil-5:00pm, ittieħdet din il-minuta:

**"l-Arċipriet għarraf lill-Kunsill Ekonomiku dwar proġett biex il-kantina tad-Domus Pauli tinbidel f'pizzeria u li ġġib kirja sostanzjali kuljum. Se tingħata konċessjoni lil Maurizio Lapira li jmexxi ċ-Ċentru Parrokkjali biex jizviluppa l-idea, iġib il-permessi u jidħol fi ftehim ma' investitur u operatur. Ir-rata miftiehma ta' kuljum tinqasam nofs bin-nofs mal-parroċċa. Il-KEP qabel mal-proġett għax ma jzidx spejjeż lill-Parroċċa u hu sors ta' dħul sostantiv"**

P Vella

Is-Sur Paul Vella

Segretarju

11/4/2025

Doc B.



# PIZZERIA VALLETTA

JOB REF. 10076.1_24

PERIT GODWIN CASSAR




01 PROPOSED PIZZERIA, VALLETTA
DATE: 03/04/2025 - REV03
DWG: 01
scale 1.50 @ A2

CLIENTS:
JOB REF. 10076.1_24

PROPOSED BASEMENT FLOOR LEVEL




# 02 PROPOSED PIZZERIA, VALLETTA

DATE: 03/04/2025 - REV03

## DWG: 02

scale 1.50 @ A2

PROPOSED SECTION A-A'

CLIENTS:

JOB REF. 10076.1_24











